**30 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

John Formosa *noe*

*versus*

Joseph Zammit

**Danni – Kolliżjoni – Inċidenti Awtomobilistiku – *Res Ipsa Loquitur* – Dottrina ta' fil-Ġurisprudenza Ingliża**

*L-hekk imsejħa dottrina tar-"res ipsa loquitur" li ġiet importata mill-ġurisprudenza Ingliża ma tagħmilx ħlief li tisposta l-oneru ta' prova u toħroġ bħal speċi presunzjoni "prima facie" li t-tort huwa ta' wieħed u mhux ta' l-ieħor. Il-konvenut kien qed isuq fuq in-naħa ħażina tat-triq u mhux fuq ix-xellug u ma rnexxilux jiġġustifika l-posizzjoni ħażina tal-vettura tiegħu.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi *nomine* li biha, wara li ppremettew li meta l-assikurat Marcel Casolanzi ta' l-atturi *nomine* kien qed isuq fuq in-naħa tiegħu l-karrozza numru N – 8346 fil-15 ta' Mejju, 1984 għall-ħabta tas-2.30 p.m. huwa ġie milqut minn *truck* numru E – 1273 li kien misjuq mill-konvenut; u li dan l-inċident ġara unikament billi l-istess konvenut ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku *stante* li kien isuq fuq in-naħa ħażina tat-triq; u *li minħabba din il-kolliżjoni* l-assikurat imsemmi ġie li sofra danni fil-karrozza tiegħu;

u li bil-*comprehensive policy* l-assigurat tħallas mill-atturi *noe;*

u li l-konvenut ġie interpellat jaddivjeni għal-likwidazzjoni bonarja tad-danni sofferti iżda huwa baqa' ma resaqx;

Talbu li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Prevja d-dikjarazzjoni li huwa kien qiegħed jikser ir-regolamenti tat-traffiku meta ġara l-inċident imsemmi;

1. Tgħaddi biex tiddikjarah responsabbli għad-danni sofferti mill-assikurat ta' l-atturi *nomine;*

2. Tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-assikurat;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* (*stante* s-surroga msemmija) dik is-somma li tiġi hekk illikwidata;

Bl-ispejjeż tal-preżenti u ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ottubru, 1984 kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa: illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-inċident tat-traffiku msemmi fiċ-ċitazzjoni ġara unikament minħabba traskuraġnim negliġenza u nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' l-assigurat ta' l-atturi *nomine;* Illi, għalhekk, huwa mhux responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-atturi *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

*Omissis;*

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Din l-istanza qiegħda ssir mis-soċjetà attriċi bħala surrogata bil-polza u bil-Liġi fid-drttijiet ta' l-assigurat tagħha Marcel Casolani li fl-inċident stradali lamentat kien qiegħed isuq il-karrozza numru tar-reġistrazzjoni N – 8346, li kienet assigurata taħt '*comprehensive cover*';

Il-vettura l-oħra involuta fil-ħabta kienet *truck* bin-numru E – 1273 misjuq mill-konvenut u l-lokalità fejn ġrat kienet dik il-parti tat-triq li tagħti għall-Bajja ta' San Ġorġ, eżattament fejn il-Villa ta' l-Onorevoli Imħallef Borg Costanzi;

L-assigurat kien nieżel 'l isfel u l-konvenut kien tiela' 'l fuq bit-*truck* mgħobbi bl-iskart;

Din il-qorti, mingħajr eżitazzjoni ta' xejn, tħoss li għandha taqbel ma' l-impostazzjoni li l-perit ta lill-każ in diżamina u ċjoè li dan huwa każ ta' *res ipsa loquitur''*;

Li dan huwa hekk joħroġ ċar mill-*isketch* li tinsab esibita a fol. 71 tal-proċess u li hija *'to scale'*. Difatti, minn dan l-*isketch* jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed isuq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq bi ksur ċar ta' l-art. 63 tal-MVR 1948 li jgħid: ''*Every person driving a motor vehicle shall keep to the left hand side of the road''*;

Huwa paċifiku li 'l hekk imsejħa dottrina tar-''*res ipsa loquitur*'', li ġiet importata mill-ġurisprudenza Ingliża, ma tagħmilx ħlief li tisposta l-oneru ta' prova u toħloq bħal speċi presunzjoni ta' *'prima facie'* li t-tort huwa ta' wieħed u mhux ta' l-ieħor (ara App. Ċiv. 'Charles Tonna *vs* Joseph Cassar' 14-5-71; 'Edgar Xahra *vs* Carmelo Vassallo' 5-4-71);

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma rnexxilux jipprova li t-tort kien ta' l-assigurat u mhux tiegħu. Fl-ewwel lok, jingħad li din il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li l-iskużanti li ressaq il-konvenut biex jiġġustifika l-posizzjoni ħażina tal-vettur tiegħu u ċjoè li kien hemm mara timbotta *pushchair* max-xellug tiegħu u li minħabba fiha kien kostrett jaqla' 'l barra m'hi xejn

konvinċenti. Apparti li l-assigurat Casolani ma jammettix li kien hemm din il-mara fit-triq, xorta waħda jibqa' l-fatt li dik il-parti tat-triq fejn ġara l-inċident hija wiesgħa biżżejjed biex tippermettilu li jżomm fil-karreġġjata tiegħu;

Jingħad ukoll li l-perit legali għamel ir-riliev li ancorchè kien veru li kien hemm din il-mara u li l-konvenut kien qiegħed iħoss li qiegħda tfixklu fis-sewqan, il-konvenut seta' jagħżel li jieqaf u jħalliha tgħaddi u mhux joħloq perikolu għall-utenti oħra tat-triq billi jmur *'wrong side'*. Għalhekk, skond l-istess perit, mill-mument li l-konvenut għażel li jsuq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, huwa ġie li tgħabba b'dik li tissejjaħ *"a self inflicted incapacity"* li jevita l-ħabta. Dan ir-riliev m'hu xejn iżjed għajr sens komun u din il-Qorti taqbel miegħu pjenament;

Il-konvenut ipprova jagħti impostazzjoni oħra ta' l-inċident. *Huwa jilmenta li l-assigurat Casolani qabad u daħal minn triq* sekondarja u għal ġo triq prinċipali mingħajr ma qagħad jara jekk kienx ġej traffiku u bħala riżultat ta' dan is-sewqan ikkaġuna l-kolliżjoni;

Fil-fehma tal-Qorti, l-perit legali wasal għall-konklużjoni ġusta meta kkonkluda li ma kienx dan li kkawża l-inċident. Infatti, il-vettura ta' l-assigurat, wara li ħarġet fit-triq prinċipali, baqgħet fuq in-naħa korretta tat-triq u l-istess konvenut jaqbel li l-ħabta saret fil-karreġġjata ta' l-assigurat;

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, jinsab assodat li l-kawża prossima ta' l-inċident kienet il-posizzjoni ħażina tat-*truck* tal-konvenut fit-triq u minn dan isegwi li l-konvenut għandu jkun ritenut unikament responsabbli għall-inċident *'de quo'*;

Ikkunsidrat:

L-atturi *nomine* pproduċew riċevuti biex jipprovaw li d-danni attwalment subiti in konsegwenza ta' l-inċident kienu fl-ammont ta' Lm481.54. Fil-fatt, dawn l-irċevuti jirrappreżentaw il-ħsara li realment sofra l-assigurat u li l-atturi *nomine* kellhom joħorġu minn buthom biex l-assigurat ikun ikkompensat taħt il-polza ta' assigurazzjoni. F'dan l-ammont hemm inkluża wkoll is-somma ta' Lm6.00 li l-atturi *nomine* ħallsu għas-*'Surveyor's Report'* u minbarra dan l-ammont ta' Lm481.54 il-perit legali żied ukoll il-ħlas ta' Lm3.00 li sar biex kisbu kopja ta' l-*isketch* u ta' l-okkorenza. Il-konvenut ma kkontestax l-ebda ammont li jinsab iġġustifikat b'irċevuta u, għalhekk, il-perit deherlu li għandu jillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' Lm484.54;

Din il-Qorti taqbel ukoll ma' din il-likwidazzjoni li saret mill-perit legali u ma ssib xejn ċensurabbli;

Għal dawn il-motivi:

Prevja adozzjoni tar-relazzjoni; taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u, konsegwentement, (1) tiddikjara li l-inċident in kwistjoni ġara unikament minħabba tort tal-konvenut konsistenti fi ksur tar-regolamenti tat-traffiku; (2) tillikwida d-danni attwalment sofferti mill-atturi *nomine* fis-somma komplessiva ta' erba' mija u erbgħa u tmenin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm484.54); liema ammont huma ħallsu fl-interess ta' l-assigurat tagħhom Marcel Casolani u li, għalhekk, huma ġew surrogati fid-drittijiet tiegħu kontra l-konvenut u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* s-somma hekk illikwidata in linea ta' danni;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.